IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.11.2020
COM(2020) 756 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fl-Istati Membri (2017-2018) biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

{SWD(2020) 283 final}

WERREJ

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV 1
2. INTRODUZZJONI 2
3. QAFAS LEGALI 3
4. RIEŻAMI TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ISTATI MEMBRI 4
   - 4.1. Il-wasla u r-rieżami tar-rapporti annwali tal-Istati Membri 4
   - 4.2. L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni ta' kontrolli uffiċjali 5
     - 4.2.1. Il-miri operattivi u l-objettivi strateġiċi 5
     - 4.2.2. Kontrolli uffiċjali ppjanati u li għadhom għaddejjin 6
     - 4.2.3. Attivitajiet ta' kontroll speċifiċi 6
     - 4.2.4. Riżorsi 7
   - 4.3. Konformità ġenerali mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali u mar-regoli dwar il-biedja organika 7
     - 4.3.1. Tipi ta' nuqqas ta' konformità 7
     - 4.3.2. Analiżi ta' nuqqas ta' konformità 8
   - 4.4. Sistemi Nazzjonali ta' Awditjar 8
     - 4.4.1. Awditi interni u/jew esterni tal-kontrolli uffiċjali 8
     - 4.4.2. Awditi u spezzjonijiet ta' korpi ta' kontroll 9
   - 4.5. Azzjonijiet li jiżguraw l-effettività fit-tħaddim tal-pjanijiet nazzjonali ta' kontroll 9
     - 4.5.1. Azzjonijiet li jiżguraw il-konformità mill-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf u produtturi u sidien ta' negozji oħra rilevanti 9
     - 4.5.2. Infurzar: azzjoni meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità 10
     - 4.5.3. Azzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' servizzi tal-kontroll uffiċjali 10
   - 4.6. Il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ta' kontroll fit-tħaddim tal-pjanijiet ta' kontroll nazzjonali 10
   - 4.7. Emendi fil-MANCP 11
5. ATTIVITAJIET TA' KONTROLL TA' SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI FL-ISTATI MEMBRI 12
   - 5.1. Awditi 12
     - 5.1.1. Rapporti ġenerali 14
     - 5.1.2. Xi punti li għandhom jiġu enfasizzati 14
6. SEGWITU U INFURZAR MILL-KUMMISSJONI 16
   - 6.1. Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet 16
   - 6.2. Appoġġ lill-Istati Membri 17
     - 6.2.1. Networks 17
     - 6.2.2. Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) 18
   - 6.3. Infurzar 18
7. KONKLUŻJONIJIET 19

Lista ta’ ċarts

Ċart 1: L-għadd ta’ missjonijiet imwettqa fl-Istati Membri fl-2017-2018 12
Chart 2: L-għadd u t-tip ta’ missjonijiet imwettqa għal kull tema 2017-2018 12

1. SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport jiddeskrivi l-eżitu ġenerali tal-attivitajiet ta' kontroll nazzjonali u tal-Kummissjoni mwettqa fl-2017 u fl-2018 biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fl-oqsma tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-biedja organika u l-iskemi tal-kwalità. Dawn l-oqsma huma ta' importanza kritika fil-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea (UE). Huma wkoll kruċjali biex jippermettu l-operat bla xkiel tal-kummerċ fl-ikel, fl-annimali u fil-pjanti, kemm fl-UE nnifisha kif ukoll ma' pajjiżi li mhumiex fl-UE.

L-Istati Membri huma responsabbli għall-implimentazzjoni ta' kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju, li huma dettaljati u ppjanati fil-pjanijiet ta' kontroll nazzjonali pluriennali tagħhom (MANCP). Il-kontrolli uffiċjali għandhom l-għan li jivverifikaw li l-operaturi tul il-katina tal-ikel u tal-għalf jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni applikabbli u, fejn dan ma jkunx il-każ, l-Istati Membri huma mistennija jinfurzaw il-leġiżlazzjoni msemmija u jieħdu passi biex dawk l-operaturi jerġgħu jikkonformaw. Permezz tal-awditi, is-servizzi tal-Kummissjoni jivverifikaw l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-kontrolli uffiċjali u l-attivitajiet assoċjati ta' infurzar.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw li l-livelli tal-persunal, ir-riżorsi finanzjarji u/jew tat-tagħmir kienu l-kwistjonijiet ewlenin li kellhom impatt fuq l-implimentazzjoni tal-MANCPs tagħhom. Filwaqt li analiżi mtejba tad-*data*, l-użu ta' għodod tal-IT u kontrolli bbażati fuq id-dokumentazzjoni għenu biex jingħelbu dawn l-isfidi f'xi Stati Membri, oħrajn irrapportaw li ma setgħux jimplimentaw bis-sħiħ il-pjanijiet ta' kontroll tagħhom.

Il-Kummissjoni tqis li għandu jkun hemm riżorsi adegwati disponibbli għall-ispezzjonijiet fuq il-post. Fir-rigward ta' kwistjonijiet differenti bħall-frodi tal-ikel[1], il-verifika tat-tikkettar korrett tal-ikel u l-għalf, l-implimentazzjoni ta' prattiki ta' iġjene tajba waqt il-qatla u l-użu xieraq ta' prodotti għall-ħarsien tal-pjanti, l-ispezzjonijiet fuq il-post fil-qasam huma vitali.

Il-kontrolli tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-kontrolli uffiċjali tul il-katina alimentari u tal-għalf jipprovdu stampa ċara tal-prestazzjoni tal-Istati Membri fil-verifika u fl-infurzar tal-konformità tal-operaturi mal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Bħala tali, huma jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-proċess ta' rieżami leġiżlattiv immirat biex jiżgura li l-leġiżlazzjoni tal-UE tkun adatta għall-iskop tagħha.

[1] Il-frodi hija azzjoni intenzjonata li ssir minn negozji jew minn individwi bil-għan li x-xerrejja jiġu ngannati u li jinkiseb vantaġġ mhux dovut minnhom. Azzjonijiet bħal dawn jistgħu jikkostitwixxu wkoll riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, jew għall-benesseri tal-annimali jew għall-ambjent. Il-paġni web dwar in-Network kontra l-Frodi Alimentari tal-UE jipprovdu aktar informazzjoni ta' sfond.

Abbaži tal-kontrolli tal-Kummissjoni fuq l-Istati Membri, ġie konkluż li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri għandhom is-sistemi ta' kontroll meħtieġa fis-seħħ biex jiżguraw l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tal-UE. F'xi pajjiżi, il-kontrolli tal-Kummissjoni identifikaw nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali, u indikaw li kien għad hemm lok għal titjib. Il-Kummissjoni segwiet b'mod sistematiku r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri u, fejn meħtieġ, użat għodod oħra ta' infurzar. Barra minn hekk, il-Kummissjoni appoġġjat lill-Istati Membri (u lill-pajjiżi li mhumiex fl-UE) permezz tal-għoti ta' assistenza teknika u taħriġ permezz tal-inizjattiva Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF) u laqgħat tekniċi tal-esperti tal-Istati Membri.

Dan ir-rapport jagħmel xi rakkomandazzjonijiet biex jissaħħu aktar is-sistemi ta' kontroll uffiċjali permezz ta' networks ta' informazzjoni għall-uffiċjali, l-użu ta' informazzjoni minn skemi privati ta' assigurazzjoni u l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali.

2. INTRODUZZJONI

L-UE għandha l-għan li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u fiduċja fl-oqsma tas-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, il-benesseri tal-annimali, il-biedja organika u l-iskemi tal-kwalità. Iċ-ċittadini tal-UE bir-raġun jistennew standards għoljin f'dawn l-oqsma.

Hemm qafas legali komprensiv tal-UE fis-seħħ li għandu l-għan li jiżgura kontrolli koerenti tul il-katina tal-ikel u tal-għalf, mill-għalqa sal-platt, u monitoraġġ adegwat, filwaqt li jiżgura suq intern effettiv u kummerċ ma' pajjiżi mhux tal-UE.

Wieħed mill-pilastri tal-politika integrata tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel mill-għalqa sal-platt huwa sistema ta' kontroll[2] uffiċjali effettiva biex tivverifika l-konformità tal-operaturi mal-istandards tal-UE tul il-katina tal-ikel u tal-għalf.

Il-Kummissjoni għandha rwol importanti x'taqdi fil-qafas ta' kontroll ġenerali fil-livell tal-UE[3] u twettaq kontrolli, inkluż awditi, fl-Istati Membri.

L-Istati Membri jippreżentaw rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali tagħhom lill-Kummissjoni[4], li min-naħa tagħha tirrapporta[5] lill-pubbliku, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar l-operat ġenerali tal-kontrolli fl-Istati Membri fid-dawl ta':

---

[2] "kontroll uffiċjali" tfisser kull attività mwettqa mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-UE biex tivverifika l-konformità mal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li l-annimali u l-prodotti jissodisfaw ir-rekwiżiti.

[3] L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti - ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

[4] L-Artikolu 113(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.

[5] L-Artikolu 114 tar-Regolament (UE) 2017/625.

- tar-rapporti annwali ppreżentati mill-awtoritajiet nazzjonali dwar l-attivitajiet ta' kontroll tagħhom;
- ir-riżultat tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fl-Istati Membri.

Ir-rapport attwali jkopri s-snin 2017 sal-2018.

3. QAFAS LEGALI

Il-"Liġi Ġenerali dwar l-Ikel"[6] tattribwixxi r-responsabbiltà primarja li jiġi żgurat li l-ikel ikun sikur għall-operaturi tan-negozju tal-ikel/l-għalf. Regolamenti speċifiċi tal-UE jittrattaw ir-rekwiżiti għall-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi[7] u għal skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (denominazzjonijiet tal-oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti)[8].

L-Istati Membri huma obbligati li jivverifikaw li l-operaturi tan-negozju jirrispettaw il-liġi tal-UE applikabbli. L-MANCPs tagħhom jiddeskrivu s-sistemi ta' kontrolli uffiċjali għal dan il-għan.

Mill-14 ta' Diċembru 2019, saru applikabbli bidliet fil-leġiżlazzjoni relatata ma' dawn ir-rekwiżiti skont ir-Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali (OCR)[9]. L-OCR jiddeskrivi r-rekwiżiti għal dawn is-sistemi ta' kontroll, l-MANCP u l-prestazzjoni tal-kontrolli uffiċjali[10]. L-aktar rekwiżiti rilevanti introdotti mill-OCR il-ġdid relatati mas-sistemi ta' kontroll uffiċjali u l-MANCP huma li:

- il-kamp ta' applikazzjoni issa jinkludi wkoll kontrolli uffiċjali fuq prodotti sekondarji mill-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' denominazzjonijiet tal-oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali;
- L-Istati Membri huma mitlubin jaħtru korp wieħed biex jikkoordina t-tħejjija, il-koerenza, ir-rieżami, l-aġġornament u r-rapportar dwar l-MANCP;
- il-MANCP għandu jiddeskrivi l-objettivi strateġiċi tiegħu u l-kategorizzazzjoni tar-riskju tal-kontrolli uffiċjali dettaljati fihom;
- il-MANCP jenħtieġ li jiġi ppubblikat, b'ċerti eċċezzjonijiet limitati;
- l-informazzjoni rilevanti dwar l-organizzazzjoni u t-twettiq tal-kontrolli uffiċjali għandha tkun disponibbli għall-pubbliku, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta'

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel - ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 - ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

[8] Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel - ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

[9] Ir-Regolament (UE) 2017/625 ħassar ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali.

[10] L-Artikoli 109, 110 u 111 tar-Regolament (UE) 2017/625.

trasparenza; dan l-obbligu jista jintlaħaq permezz tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali sottomess minn kull Stat Membru lill-Kummissjoni[11].

L-OCR jeħtieġ li l-Kummissjoni[12] twettaq kontrolli, inkluż awditi, fl-Istati Membri u l-Istati Membri huma meħtieġa li jieħdu miżuri ta' segwitu xierqa biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati f'dawn il-kontrolli[13].

4. RIEŻAMI TAR-RAPPORTI ANNWALI TAL-ISTATI MEMBRI

4.1. Il-wasla u r-rieżami tar-rapporti annwali tal-Istati Membri

L-Istati Membri ppreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom għall-2017 u għall-2018 skont ir-Regolament preċedenti dwar il-kontrolli uffiċjali, li tħassar u ġie sostitwit mill-OCR[14]. L-istruttura rakkomandata għar-rapporti dettaljati fil-linji gwida tal-Kummissjoni, applikabbli għal dawk is-snin[15], iffurmat il-bażi għal din il-valutazzjoni.

Relattivament ftit Stati Membri ppreżentaw ir-rapporti annwali tagħhom lis-servizzi tal-Kummissjoni sal-iskadenza preskritta. Ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja u r-Repubblika Slovakka biss ippreżentaw ir-rapporti tagħhom tal-2017 u l-2018 fil-ħin. Xi pajjiżi kienu tard ħafna fir-rapportar tagħhom - eż. il-Kummissjoni rċeviet l-aħħar rapport annwali li jkopri l-2017 f'April 2019 u f'Ġunju 2020, kienet għadha ma rċevietx rapport annwali li jkopri l-2018.

Ir-rapporti jvarjaw b'mod sinifikanti fil-preżentazzjoni tad-*data* u fin-natura tad-*data* ppreżentata. Dan jagħmel l-analiżi u t-tqabbil tagħhom diffiċli, u jippreżenta sfida sinifikanti għall-Kummissjoni biex tipproduċi dan ir-rapport annwali.

Fir-rigward tal-produzzjoni organika, il-Kummissjoni indirizzat il-kummenti mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri[16] u, fl-2018, bdiet tibgħat ittri ta' segwitu lill-Istati Membri fejn talbet kjarifiki u informazzjoni addizzjonali rigward ir-rapporti annwali dwar il-produzzjoni organika. Għas-sena ta' rapportar 2017, intbagħtet ittra lil 14-il Stat Membru u pajjiż wieħed tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA). Għas-sena ta' rapportar 2018, 24-il Stat Membru u pajjiż wieħed tal-EFTA[17].

---

[11] L-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[12] L-Artikolu 116 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[13] L-Artikolu 119 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[14] L-Artikolu 44 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

[15] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/654/KE tal-24 ta' Lulju 2008 dwar linji gwida li jgħinu lill-Istati Membri jħejju r-rapport annwali dwar il-pjan waħdieni integrat multiannwali nazzjonali ta' kontroll previst fir-Regolament (KE) Nru 882/2004 - ĠU L 214, 9.8.2008, p. 56.

[16] Ara r-Rapport Speċjali Nru 04/2019: Għalkemm sar titjib fis-sistema ta' kontroll għal prodotti organiċi, għad fadal ċerti sfidi

[17] 2017: Il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Polonja, il-Portugall, l-Iżvezja, in-Norveġja; 2018: Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Kroazja, l-Ungerija, l-Italja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, l-Iżvezja, in-Norveġja

L-OCR introduċa formola li hija mudell standard għar-rapporti annwali u l-Istati Membri[18] se jkollhom ukoll jissottomettuhom elettronikament. L-OCR jestendi l-iskadenza (mit-30 ta' Ġunju sal-31 ta' Awwissu) għas-sottomissjoni ta' tali informazzjoni u *data*. Ir-rapportar tal-eżitu tal-kontrolli uffiċjali, it-tip u l-għadd ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità u l-miżuri meħudin biex jiġi żgurat l-operat effettiv tal-MANCP tal-Istati Membri b'mezzi elettroniċi u b'mod uniformi jiffaċilitaw l-analiżi u t-tqabbil tal-Kummissjoni ta' tali *data* fi ħdan u bejn l-Istati Membri.

4.2. L-organizzazzjoni u l-prestazzjoni ta' kontrolli uffiċjali

L-Istati Membri stabbilixxew sistemi ta' kontroll uffiċjali, li fil-biċċa l-kbira tagħhom jippermettulhom jiżguraw l-applikazzjoni tal-qafas legali mill-operaturi tan-negozju tal-ikel u tal-għalf. Aspetti speċifiċi ta' dawn is-sistemi huma enfasizzati hawn taħt biex juru xi wħud mill-isfidi u mill-inizjattivi ppreżentati mill-Istati Membri.

4.2.1. Il-miri operattivi u l-objettivi strateġiċi

Fil-MANCPs tagħhom, l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu l-objettivi strateġiċi għall-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali[19]. Madankollu, inqas minn terz (il-Belġju, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, l-Irlanda, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja u l-Italja) irrapportaw dwar indikaturi tal-prestazzjoni ewlenin (KPIs) speċifiċi użati fil-valutazzjoni tal-effettività tal-kontrolli uffiċjali tagħhom. L-inklużjoni tar-riżultati ta' tali KPIs tipprovdi fehim aħjar ta' kif kull Stat Membru juża r-riżultat tal-kontrolli biex jemenda l-MANCP kif meħtieġ.

Stati Membri oħrajn jirrapportaw b'mod aktar ġenerali dwar kif il-kontrolli tagħhom iħallu impatt fuq l-objettivi. Pereżempju, in-Netherlands iddikjarat li tuża indikaturi tal-benesseri tal-annimali biex tiddefinixxi miri għal programmi ta' kontroll uffiċjali. L-awtoritajiet kompetenti Netherlandiżi kejlu wkoll l-effikaċja tal-kontrolli permezz ta' proġetti speċifiċi bħall-"Pjan għat-Titjib tal-Katina tal-Provvista tal-Laħam", "Ram fl-Għalf tal-Ħnieżer" u "Monitoraġġ tal-Konformità għall-Biċċeriji tal-Laħam Aħmar u l-Biċċeriji tat-Tjur". Ir-rapport annwali ddikjara li x-xogħol li sar fl-2017 dwar l-analiżi tal-gruppi fil-mira u l-iżvilupp ta' strateġiji ta' monitoraġġ b'antiċipazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt ipprovda għarfien akbar dwar il-konformità u, għalhekk, dwar l-effettività tal-kontrolli uffiċjali.

[18] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/723 tat-2 ta' Mejju 2019 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudell tal-formola standard li għandu jintuża fir-rapporti annwali mressqa mill-Istati Membri - ĠU L 124, 13.5.2019, p. 1; adottat taħt l-Artikolu 113(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

[19] L-Artikoli 42(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 110(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 2017/625.

4.2.2. Kontrolli uffiċjali ppjanati u li għadhom għaddejjin

Skont il-leġiżlazzjoni tal-UE, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom jippjanaw il-kontrolli uffiċjali tagħhom skont prijoritajiet identifikati bbażati fuq ir-riskju[20]. Għalkemm l-Istati Membri kollha saħqu li jiddefinixxu l-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali permezz ta' valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, huma ma ddeskrivewx il-metodoloġija użata.

Korpi ta' valutazzjoni tal-konformità ta' partijiet terzi jiċċertifikaw in-negozji Ewropej tal-ikel u l-għalf taħt għadd ta' skemi privati ta' assigurazzjoni tal-kwalità. L-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, in-Netherlands u r-Renju Unit irrapportaw dwar kif jużaw informazzjoni minn dawn l-iskemi fil-valutazzjonijiet tar-riskju tagħhom. Bħala eżempju, in-Netherlands kellha laqgħat mas-sidien ta' dawk l-iskemi.

4.2.3. Attivitajiet ta' kontroll speċifiċi

Minbarra l-attivitajiet ta' kontroll ippjanati, l-Istati Membri jirreaġixxu għal kwistjonijiet li jinqalgħu b'attivitajiet ta' kontroll speċifiċi. Id-Danimarka u l-Ungerija rrapportaw li fejn l-għadd ta' kontrolli uffiċjali regolari kien inqas mis-snin ta' qabel, huma żiedu l-għadd ta' attivitajiet ta' kontroll speċifiċi ad hoc.

Fin-Netherlands, il-monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju wera li l-monitoraġġ immirat ta' ikel speċifiku, l-ispezzjonijiet immirati ta' konformità u l-kontroll ta' perikli mikrobijoloġiċi jista' jkollhom vantaġġi, u jistgħu jipprovdu lin-negozji u lill-konsumaturi b'qafas biex jibbażaw azzjonijiet speċifiċi fuqhom.

Fl-2017-2018, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kellhom jindirizzaw l-effetti tal-inċident ta' fipronil li oriġina fin-Netherlands u li wassal għall-irtirar u l-ġbir lura tal-bajd u tal-prodotti tal-bajd minn madwar l-UE (il-kwistjoni hija speċifikament imsemmija fir-rapporti tal-Belġju, tar-Repubblika Ċeka, tad-Danimarka, tal-Finlandja, ta' Franza, tal-Ungerija, tal-Italja, tan-Netherlands u tal-Polonja).

Diversi Stati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, Spanja, l-Iżvezja, is-Slovenja u r-Renju Unit) semmew il-frodi alimentari u l-bejgħ fuq l-internet bħala oqsma li joffru sfidi partikolari. Il-possibbiltà l-ġdida skont l-OCR għat-teħid ta' kampjuni ta' oġġetti offruti għall-bejgħ permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod[21] u r-regoli dwar il-livell ta' penali finanzjarji għall-frodi alimentari[22] għandhom jgħinu lill-Istati Membri fl-infurzar f'dawn l-oqsma.

Il-preżenza tad-deni Afrikan tal-ħnieżer ħtieġet riżorsi uffiċjali sinifikanti fil-pajjiżi affettwati – biex tiġi kkontrollata l-marda – jew f'riskju – biex jiġi evitat id-dħul tagħha u biex tkun żgurata l-iskoperta bikrija tagħha – kif irrapportat mill-Estonja, mill-Finlandja, mill-Ġermanja, mill-Polonja, mir-Rumanija u mill-Iżvezja.

[20] L-Artikoli 3(1) u 43(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 2017/625.

[21] L-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) 2017/625.

[22] L-Artikolu 139(2) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4.2.4. Riżorsi

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm riżorsi finanzjarji disponibbli biex jipprovdu l-persunal u riżorsi oħra meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra[23].

Il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja u l-Iżvezja enfasizzaw li t-tnaqqis fil-baġit irriżulta f'livelli tal-persunal imnaqqsa, xi drabi naqsu aktar minn snin preċedenti, u riżorsi finanzjarji u/jew materjali insuffiċjenti. Il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija u Spanja rrikonoxxew li ma setgħux iwettqu l-kompiti kollha ppjanati fl-MANCPs tagħhom.

Fir-Repubblika Ċeka, fi Franza u fin-Netherlands, l-għadd tal-persunal żdied biex jittratta kwistjonijiet speċifiċi bħas-saħħa tal-annimali (id-deni Afrikan tal-ħnieżer, l-influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja), is-saħħa tal-pjanti (*Xylella fastidiosa*), il-frodi alimentari u t-tħejjija għall-Brexit.

Malta, Spanja u l-Iżvezja semmew diffikultajiet fir-reklutaġġ ta' persunal ikkwalifikat bix-xieraq, problema li jaffaċċjaw ukoll l-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf.

L-Istati Membri rrapportaw li l-istrateġiji ewlenin li għenuhom itaffu t-tnaqqis fin-numru tal-persunal kienu l-analiżi tad-*data* u t-titjib fis-sistemi tal-IT.

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jaraw l-iskambju tal-għarfien ma' esperti nazzjonali (fi ħdan u bejn l-Istati Membri) bħala element ewlieni għat-titjib tal-proċeduri tal-awditjar. L-Istati Membri kollha laqgħu l-inizjattiva BTSF.

4.3. Konformità ġenerali mal-liġi dwar l-għalf u l-ikel, mar-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali u mar-regoli dwar il-biedja organika

Ir-Rapporti Annwali jipprovdu informazzjoni u analiżi dwar in-nuqqas ta' konformità identifikati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fl-operaturi tan-negozji tal-ikel u tal-għalf.

4.3.1. Tipi ta' nuqqas ta' konformità

Il-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet ta' konformità rrapportati mill-awtoritajiet kompetenti madwar l-Istati Membri kienu jikkonċernaw nuqqasijiet fil-prattiki tajbin tal-iġjene, fil-manutenzjoni tal-infrastruttura u tal-operaturi li jew naqsu milli jwettqu jew li jirreġistraw ir-riżultati tal-kontrolli tagħhom stess.

L-infurzar fl-oqsma tad-distribuzzjoni, tal-bejgħ, tat-tikkettar u l-użu tal-pestiċidi u t-tikkettar tal-prodotti tal-ikel maħsuba għall-konsumatur finali wkoll baqa' sfida sinifikanti fl-Istati Membri.

[23] L-Artikoli 26 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 78 tar-Regolament (UE) Nru 2017/625.

4.3.2. Analiżi ta' nuqqas ta' konformità

Okkorrenza ta' nuqqas ta' konformità

Xi rapporti semmew perċentwali ta' nuqqas ta' konformità. L-użu ta' perċentwali biex titqabbel il-prestazzjoni tal-Istati Membri jista' jkun qarrieqi. Meta wieħed iqabbel id-*data* tal-Istati Membri, perċentwal (aktar) għoli tan-nuqqas ta' konformità irrapportat fi Stat Membru partikolari ma jfissirx neċessarjament li s-sitwazzjoni hija agħar f'dan l-Istat Membru. Għall-kuntrarju, tista' tindika li hemm immirar aħjar tal-kontrolli u tar-riżorsi abbażi tar-riskju f'dak l-Istat Membru. Kontrolli mmirati aħjar jistgħu jwasslu għal għadd ogħla ta' spezzjonijiet (u nuqqasijiet ta' konformità identifikati).

In-natura tar-riskju li jirriżulta min-nuqqas ta' konformità

Minoranza biss tar-rapporti annwali pprovdew informazzjoni dwar ir-riskji assoċjati man-nuqqasijiet ta' konformità li nstabu waqt il-kontrolli uffiċjali.

B'mod ġenerali, ir-riskji relatati mat-tixrid possibbli ta' mard tal-annimali jew tal-pjanti u/jew id-diffikultà biex dawn jiġu kkontrollati, it-telf tat-traċċabilità u l-perikli tas-sikurezza tal-ikel għall-konsumaturi bħall-allerġeni, l-avvelenament mill-ikel u l-kontaminazzjoni kimika.

Il-kawża/i prinċipali tan-nuqqas ta' konformità

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri indikaw li l-operaturi tan-negozji tal-ikel għadhom ma fehmux ir-rekwiżiti legali. Elementi bħal tibdil kbir ta' ħaddiema, diffikultajiet biex jinstab persunal ikkwalifikat u taħriġ insuffiċjenti jikkontribwixxu għal implimentazzjoni insuffiċjenti ta' xi rekwiżiti legali mill-operaturi.

Marġini ta' profitt aktar baxxi ssemmew ukoll bħala kawża sottostanti ta' nuqqas ta' konformità fl-infrastruttura tal-operaturi.

4.4. Sistemi Nazzjonali ta' Awditjar

4.4.1. Awditi interni u/jew esterni tal-kontrolli uffiċjali

L-Istati Membri għandhom iwettqu awditi tas-sistemi ta' kontroll tagħhom stess, jew iqabbdu lil xi ħadd biex jawditja lilhom, biex jiżguraw il-konformità tagħhom mar-Regolament[24].

Ir-rapporti annwali tal-Istati Membri inkludew informazzjoni limitata dwar l-awditi interni mwettqa fuq is-sistemi uffiċjali ta' kontroll. Il-biċċa l-kbira tar-rapporti jsemmu biss l-għadd ta' awditi mwettqa u dikjarazzjoni ġenerali dwar is-segwitu ta' dawn l-awditi (interni). L-ebda wieħed mir-rapporti annwali ma pprovda informazzjoni dwar l-effettività tas-sistemi ta' kontroll uffiċjali.

[24] L-Artikoli 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 6 tar-Regolament (UE) 2017/625.

4.4.2. Awditi u spezzjonijiet ta' korpi ta' kontroll

L-Istati Membri jistgħu jiddelegaw xi wħud mill-attivitajiet uffiċjali ta' kontroll tagħhom[25]. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, il-korpi privati ta' kontroll huma attivi fl-awditjar u fiċ-ċertifikazzjoni tal-operaturi tan-negozji tal-ikel skont ir-regoli dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar tal-prodotti skont l-iskemi tal-kwalità. L-awtoritajiet kompetenti jintalbu jawditjaw dawn il-korpi[26].

Ir-rapporti tal-Istati Membri ma pprovdewx informazzjoni dwar il-kontrolli fuq il-korpi privati tal-kontroll, fejn jeżistu integrazzjonijiet maċ-ċertifikazzjoni tal-iskemi privati tal-assigurazzjoni mal-pjan uffiċjali tal-kontroll.

Skont ir-regoli dwar il-produzzjoni organika, l-Istati Membri huma meħtieġa jissorveljaw il-korpi ta' kontroll li lilhom jiddelegaw il-kompiti ta' kontroll uffiċjali u jirrapportaw ir-riżultati ta' dawn l-awditi ta' superviżjoni lill-Kummissjoni. L-awditi ta' superviżjoni jinkludu valutazzjonijiet tal-uffiċċju, awditi b'xhieda, fejn l-awtorità kompetenti tosserva l-ispezzjoni minn spetturi tal-korp ta' kontroll, awditi ta' rieżami, fejn l-awtorità kompetenti tispezzjona direttament l-operaturi organiċi biex tivverifika l-konformità mal-proċeduri operattivi tal-korp ta' kontroll u biex tivvaluta l-effikaċja u l-kontrolli tas-suq tiegħu. L-awtoritajiet kompetenti jimponu sanzjonijiet fejn meħtieġ, inkluż l-irtirar tad-delegazzjonijiet ta' dawn il-korpi.

4.5. Azzjonijiet li jiżguraw l-effettività fit-tħaddim tal-pjanijiet nazzjonali ta' kontroll

4.5.1. Azzjonijiet li jiżguraw il-konformità mill-operaturi tan-negozju tal-ikel u l-għalf u produtturi u sidien ta' negozji oħra rilevanti

L-Istati Membri żviluppaw għodod, bħal noti ta' gwida, kampanji ta' informazzjoni u taħriġ, biex jgħinu lill-operaturi tan-negozji tal-ikel jiksbu konformità mar-regolamenti dwar is-sikurezza tal-ikel. Pereżempju, id-Danimarka introduċiet tikketta għall-benesseri tal-annimali u "skema tal-kards sofor" biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi fit-trobbija tal-ħnieżer.

Għarfien imtejjeb tal-persunal uffiċjali tal-kontroll u tal-operaturi tan-negozju tal-ikel iwassal għal rati ogħla ta' konformità (pereżempju dwar il-kontaminazzjoni mikrobijoloġika, kif jiġi ddefinit il-perjodu ta' konservazzjoni tal-ikel u kif għandhom isiru u jinftiehmu t-testijiet tal-isfida tal-Listeria fin-Netherlands).

L-awtoritajiet kompetenti kisbu aktar trasparenza permezz ta' sforzi dwar kampanji ta' komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni mmirati lejn il-konsumaturi. In-Netherlands irrapportaw li l-pubblikazzjoni tar-riżultati tal-kontrolli uffiċjali wasslet għal livell ogħla ta' konformità mill-operaturi tan-negozji tal-ikel.

[25] L-Artikoli 5 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 2017/625.

[26] L-Artikoli 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 33(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

4.5.2. Infurzar: azzjoni meħuda f'każ ta' nuqqas ta' konformità

L-Istati Membri għandu jkollhom sanzjonijiet/pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fis-seħħ[27].

L-Istati Membri applikaw firxa ta' azzjonijiet ta' infurzar, li jvarjaw minn twissijiet verbali u bil-miktub, għal sekwestru u qerda ta' oġġetti għat-tneħħija (temporanja) jew għar-restrizzjoni tal-approvazzjonijiet tal-operaturi. Xi multi amministrattivi użati bħala miżura dissważiva. Ir-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja baqa' l-aħħar alternattiva.

Il-Finlandja u l-Lussemburgu rrestringew l-aċċess tal-operaturi għas-sistemi ta' appoġġ finanzjarju filwaqt li l-Belġju opera sistema ta' kontrolli uffiċjali mħabbra fin-negozji tal-ikel li jaffaċċjaw il-konsumaturi fl-ibliet, bil-pubblikazzjoni tar-riżultati.

L-Awstrija, il-Kroazja, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall innutaw li l-kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħra (pereżempju l-awtorità tat-taxxa, il-pulizija) dwar il-frodi alimentari tjiebet matul is-snin.

4.5.3. Azzjonijiet meħuda biex jiġi żgurat it-tħaddim effettiv ta' servizzi tal-kontroll uffiċjali

Għadd ta' Stati Membri rrapportaw l-użu ta' sistemi tal-IT (imtejba) u tekniki tal-analiżi tad-*data* bħala modi kif tittejjeb kemm l-effikaċja kif ukoll l-effiċjenza tal-kontrolli uffiċjali. Eżempji oħra deskritti fir-rapporti kienu jinkludu:

- l-użu ta' innovazzjonijiet xjentifiċi, eż. sekwenzar sħiħ tal-ġenoma għall-analiżi ta' tifqigħat tal-Listeria;
- l-akkreditazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti skont standards internazzjonali tal-kwalità bħall-istandards tal-ISO dwar is-Sistemi tal-Ġestjoni tal-Kwalità (ISO 9001), it-tħaddim ta' diversi tipi ta' korpi li jwettqu spezzjoni (ISO 17020) u r-rekwiżiti għall-korpi li jipprovdu awditjar u ċertifikazzjoni ta' sistemi tal-ġestjoni (ISO 17021);
- il-ħolqien ta' networks ta' kontroll f'ċerti setturi speċjalizzati (eż. aġenti għat-titjib tal-ikel - bħal addittivi tal-ikel u ħwawar tal-ikel, materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, kontroll tal-esportazzjoni) biex jittejjeb il-livell ta' kompetenza kemm tal-persunal uffiċjali ta' kontroll fi ħdan is-settur u tal-operaturi.

4.6. Il-prestazzjoni ġenerali tas-sistema ta' kontroll fit-tħaddim tal-pjanijiet ta' kontroll nazzjonali

L-Istati Membri fir-rapporti annwali tagħhom jiddikjaraw li, b'mod ġenerali, is-sistemi uffiċjali ta' kontroll tagħhom huma fis-seħħ u huma biżżejjed. Il-biċċa l-kbira jirrapportaw ukoll dwar pjanijiet biex titjieb aktar l-effiċjenza. Il-mezzi l-aktar imsemmija għall-kisba ta' dan kienu s-sistemi tal-IT, l-analiżi tad-*data*, il-manwali tal-kwalità u t-taħriġ.

[27] L-Artikoli 54 u 55 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 137, 138, 139 tar-Regolament (UE) 2017/625.

4.7. Emendi fil-MANCP

L-ebda wieħed mill-Istati Membri ma rrapporta bidliet speċifiċi fil-MANCPs tagħhom. L-uniċi bidliet irrapportati kienu bbażati fuq ir-riżultati tal-ispezzjonijiet uffiċjali u l-informazzjoni miksuba mill-analiżi fil-laboratorju tal-prodotti tal-ikel u tal-għalf.

5. ATTIVITAJIET TA' KONTROLL TA' SERVIZZI TAL-KUMMISSJONI FL-ISTATI MEMBRI

5.1. Awditi

Id-Direttorat għall-Awditjar u l-Analiżi tas-Saħħa u l-Ikel tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ikel (DĠ SANTE) iwettaq attivitajiet ta' verifika biex jivverifika jekk il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sikurezza tal-ikel u l-għalf, is-saħħa tal-annimali, il-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti, il-biedja organika u l-iskemi tal-kwalità u xi oqsma tas-saħħa tal-bniedem[28] humiex implimentati u infurzati kif suppost. Dan jippubblika programm ta' ħidma annwali, u aġġornament ta' nofs is-sena[29] fuq is-sit web tad-DĠ SANTE.

Id-Direttorat iwettaq dawn il-kontrolli fuq bażi regolari u f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Element wieħed tal-awditi huwa l-verifiki fuq il-post, fejn l-esperti tal-Kummissjoni jinvolvu ruħhom mal-awtoritajiet kompetenti li jwettqu kontrolli uffiċjali. L-esperti mill-Istati Membri regolarment jgħinu lill-esperti tal-Kummissjoni.

L-għan tal-kontrolli tal-Kummissjoni huwa li[30]:

- jivverifikaw l-applikazzjoni tal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti;
- jivverifikaw il-funzjonament u l-organizzazzjoni tas-sistemi ta' kontroll nazzjonali u tal-awtoritajiet kompetenti;
- jinvestigaw u jiġbru informazzjoni
    - dwar kontrolli uffiċjali u prattiki ta' infurzar
    - dwar problemi importanti jew rikorrenti bl-applikazzjoni jew bl-infurzar tar-regoli;
    - fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' emerġenza, problemi emerġenti jew żviluppi ġodda.

Ir-rapporti tal-awditi individwali huma disponibbli pubblikament[31] fuq is-sit web tad-DĠ SANTE.

Matul l-2017 u l-2018, id-Direttorat għas-Saħħa u l-Verifiki u l-Analiżi tal-Ikel wettaq total ta' 264 missjoni (prinċipalment awditi u wkoll żjarat fil-pajjiżi u missjonijiet ta'


[28] L-attivitajiet ta' kontroll fl-oqsma tas-saħħa tal-bniedem ma jitwettqux skont ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 jew 2017/625, u għalhekk mhumiex inklużi f'dan ir-rapport.

[29] Disponibbli minn: https://ec.europa.eu/food/audits_analysis/audit_programmes_en

[30] L-Artikolu 116(1) tar-Regolament (UE) 2017/625.


[31] Disponibbli minn: http://ec.europa.eu/food/audits-analysis/audit_reports/index.cfm

tiftix tal-fatti[32]) fl-Istati Membri. It-Tabella 1 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għadd ta' missjonijiet għal kull Stat Membru.



Ċart 1: L-għadd ta' missjonijiet imwettqa fl-Istati Membri fl-2017-2018

Iċ-Ċart 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tip ta' missjoni skont is-suġġetti differenti tal-OCR.



[32] L-awditi jivverifikaw l-implimentazzjoni tal-kontrolli uffiċjali filwaqt li ż-żjarat fil-pajjiż u l-missjonijiet ta' tiftix tal-fatti jintużaw biex tinġabar informazzjoni dwar pajjiż jew dwar suġġett f'għadd ta' Stati Membri.

Ċart 2: L-għadd u t-tip ta' missjonijiet imwettqa għal kull tema 2017-2018

5.1.1. Rapporti ġenerali

Il-Kummissjoni tippubblika wkoll[33] rapporti ġenerali li jipprovdu rieżami tal-qasam kopert f'serje ta' awditi, li jidentifikaw x'qed jaħdem, jew le, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kontrolli u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jagħtu eżempji ta' prattiki tajba fl-Istati Membri. Dawn ir-rapporti jipprovdu l-bażi għal skambji mal-esperti tal-Istati Membri fil-qafas tal-inizjattiva tal-BTSF biex jiġu diskussi problemi komuni identifikati u biex jiġu kondiviżi prattiki tajbin.

Fl-2017 u l-2018, il-Kummissjoni ppubblikat 22 rapport ġenerali relatati mal-attivitajiet ta' kontroll tagħha fl-Istati Membri fl-oqsma tas-sikurezza u tal-kwalità tal-ikel, tas-saħħa u l-benesseri tal-annimali, u tas-saħħa tal-pjanti.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja dan ir-rapport[34] jipprovdi deskrizzjoni aktar dettaljata ta' xi wħud mill-oqsma ewlenin fejn il-Kummissjoni wettqet kontrolli fl-Istati Membri fl-2017 u l-2018.

5.1.2. Xi punti li għandhom jiġu enfasizzati

Serje ta' awditi tas-Sistemi Nazzjonali ta' Awditu sabu li r-riżultati ta' dawn l-attivitajiet ta' awditjar jikkontribwixxu għal titjib fil-konsistenza u fl-effikaċja tal-kontrolli uffiċjali.

Fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, missjonijiet ta' tiftix tal-fatti wara l-inċident fipronil, ikkontribwixxew għat-titjib tal-għodod disponibbli fil-livell tal-UE għall-ġestjoni u għat-trażżin ta' inċidenti simili.

Sensiela ta' awditi tal-kontrolli uffiċjali fuq it-tikkettar tal-ikel (informazzjoni lill-konsumaturi u indikazzjonijiet dwar is-saħħa u n-nutrizzjoni), materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, ikel lest biex jittiekel u l-kummerċ elettroniku fil-katina alimentari wrew li dawn l-oqsma jeħtieġu aktar attenzjoni fil-pjanijiet uffiċjali ta' kontroll.

Fil-qasam tas-saħħa tal-annimali, id-deni Afrikan tal-ħnieżer u l-epidemiji tal-influwenza tat-tjur kienu l-oqsma ewlenin ta' tħassib fejn il-Kummissjoni pprijoritizzat il-kontrolli tagħha.

Dwar il-benesseri tal-annimali, il-Kummissjoni kkonkludiet il-proġett tagħha dwar it-trasport tal-annimali bit-triq u bil-baħar. Għalkemm kien hemm titjib osservabbli għall-benesseri tal-annimali, għad hemm problemi importanti. Fir-rigward tat-trasport bil-baħar, il-Kummissjoni qed tfittex kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima biex ittejjeb il-konformità tal-bastimenti tal-bhejjem mar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali.

---

[33] Disponibbli minn: http://ec.europa.eu/food/audits-analysis/overview_reports/index.cfm

[34] Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja d-dokument: Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni ġenerali tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fl-Istati Membri (2017-2018) biex tiġi żgurata l-verifika tal-konformità mal-liġi dwar l-ikel u l-għalf, kif ukoll mar-regoli dwar is-saħħa u l-benesseri tal-annimali.

Programm ta' ħidma ta' sentejn dwar il-benesseri tal-ħnieżer ħares lejn il-prattiki ta' qtugħ ta' rutina tad-denb, fejn infurzar serju u uniformi jibqa' sfida kbira.

Żewġ awditi tal-monitoraġġ tar-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-batterji kommensali u żoonotiċi identifikaw għadd ta' titjib possibbli fl-arranġamenti fis-seħħ.

Mill-2013, tifqigħat tal-batterju *Xylella fastidiosa* kkawżaw ħsara ekonomika severa fil-pjantaġġuni taż-żebbuġ u tal-lewż fl-Italja u fi Spanja. Il-patoġenu jipperikola firxa wiesgħa ta' speċijiet agrikoli, ortikulturali u tal-foresti fl-Ewropa. Awditi regolari fl-Istati Membri b'tifqigħat immirati biex jivverifikaw jekk il-miżuri implimentati jiżgurawx il-qerda, jew jekk dan mhux possibbli, it-trażżin, sabiex jiġi mminimizzat ir-riskju ta' aktar tixrid fl-UE.

Il-Kummissjoni osservat ċertu titjib fl-awtorizzazzjoni, fil-kummerċjalizzazzjoni u fl-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (PPP). Madankollu, jeħtieġ li l-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet fil-proċess ta' awtorizzazzjoni tal-PPP, il-valutazzjoni tas-sistemi integrati ta' ġestjoni tal-pesti, ir-rieżami tal-pjanijiet nazzjonali ta' azzjoni u l-ittestjar tat-tagħmir tal-applikazzjoni. Il-Kummissjoni bdiet il-proċess li tistabbilixxi indikaturi armonizzati tar-riskju[35], flimkien mal-Istati Membri, biex tagħmel stima tal-evoluzzjoni fir-riskji assoċjati mal-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.

Qasam ieħor fejn ġiet identifikata l-ħtieġa għal titjib fil-kontrolli uffiċjali tal-Istati Membri, kien relatat mal-kontrolli fuq il-prodotti bijoċidali, li ta' spiss mhumiex awtorizzati għas-suq fejn jintużaw.

6. SEGWITU U INFURZAR MILL-KUMMISSJONI

6.1. Segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet

Il-verifiki tal-Kummissjoni ġeneralment iwasslu għal rakkomandazzjonijiet għal azzjoni korrettiva. L-Istati Membri huma meħtieġa jieħdu l-azzjonijiet meħtieġa biex jindirizzawhom[36] u jiddeskrivuhom fil-pjanijiet ta' azzjoni.

Permezz ta' laqgħat "pakkett" regolari, magħrufa bħala Awditi ta' Segwitu Ġenerali, id-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa ta' DĠ SANTE isegwi b'mod sistematiku l-azzjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti biex jirrispondu għar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-rapporti tal-awditjar. Dawn l-Awditi Ġenerali ta' Segwitu jkopru r-rakkomandazzjonijiet "miftuħin" kollha fis-setturi kollha u r-riżultati huma ppubblikati fil-profili tal-pajjiżi (ara hawn taħt).

Dan il-proċess kompla jkun effettiv biex jittratta l-biċċa l-kbira tan-nuqqasijiet identifikati.

[35] L-Artikolu 15(1) tad-Direttiva 2009/128/KE li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi - ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71–86.

[36] L-Artikoli 45(3) u 45(5) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 u 117(a) u 119(a) tar-Regolament (UE) 2017/625.

F'numru żgħir ta' każijiet, meta r-riżultat tal-awditu ikun partikolarment problematiku, jiġu organizzati awditi ta' segwitu speċifiċi għas-settur biex isegwu azzjonijiet, li għandhom jiġu implimentati b'mod urġenti mill-Istati Membri.

Fl-aħħar ta' Diċembru 2018, l-Istati Membri kienu ħadu azzjoni korrettiva, jew ipprovdew impenji sodisfaċenti biex jindirizzaw in-nuqqasijiet fi skadenzi aċċettabbli:

- għal 96 % tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw minn verifiki fiċ-ċiklu ta' rapportar 2014-2016; u

- għal 95 % tar-rakkomandazzjonijiet li jirriżultaw mill-verifiki fiċ-ċiklu ta' rapportar 2015-2017[37].

L-għarfien speċifiku tal-pajjiż huwa importanti għat-tħejjija tal-verifiki u għall-informazzjoni tat-tfassil tal-politika. Għalhekk, id-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa tad-DĠ SANTE jżomm u jippubblika l-profili tal-pajjiżi. L-aġġornamenti ta' dawn jiżguraw it-trasparenza ta' dan il-proċess.

Dawn il-profili tal-pajjiżi huma disponibbli pubblikament[38] u jagħtu ħarsa ġenerali lejn l-Istati Membri kollha ta':

- il-ħames rapporti tal-awditjar li ġew ippubblikati l-aktar riċentement;
- il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-azzjonijiet meħuda mill-Istati Membri b'reazzjoni għall-awditi u għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar tagħha;
- l-organizzazzjoni tal-kontrolli fl-Istati Membri, abbażi tal-informazzjoni mogħtija minnhom;
- links rilevanti għas-siti web tal-Istati Membri, kif ipprovduti minnhom.

6.2. Appoġġ lill-Istati Membri

Il-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu l-kapaċità tagħhom fl-infurzar tal-liġi tal-UE, permezz ta' networks u taħriġ.

6.2.1. Networks

Id-Direttorat għall-Awditi u l-Analiżi tal-Ikel u tas-Saħħa jospita għadd ta' networks u gruppi ta' ħidma magħmula minn uffiċjali minn awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-pajjiżi membri tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles li huma partijiet fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea biex jiddiskutu u jippromwovu l-implimentazzjoni ta' ċerti aspetti tal-liġi tal-UE.

Mill-2008, żewġ networks iltaqgħu regolarment biex jiskambjaw esperjenzi dwar it-tħejjija, l-implimentazzjoni u r-rapportar tal-MANCPs u dwar l-implimentazzjoni tas-sistemi nazzjonali ta' awditjar (NAS) dwar il-kontrolli uffiċjali. Matul l-2017 u l-2018,

[37] L-indikatur ta' segwitu huwa bbażat fuq ċiklu kontinwu ta' tliet snin, li jqis iż-żmien meħtieġ mill-Istati Membri biex ifasslu pjan ta' azzjoni b'reazzjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar u ż-żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet.

[38] Disponibbli minn: https://ec.europa.eu/food/audits-analysis/country_profiles/index.cfm

in-Network tal-MANCP iltaqa' disa' darbiet. Il-laqgħat kienu ddedikati l-aktar għall-iżvilupp, u għall-finalizzazzjoni, tal-formoli mudell standard għar-rapporti annwali[39]. Laqgħa waħda tas-sottogruppi fl-2018 ġiet iddedikata għar-reviżjoni tal-linji gwida dwar it-tħejjija tal-MANCP[40]. In-network tal-MANCP żviluppa wkoll il-verżjoni elettronika tal-formola mudell standard għar-rapporti annwali, l-għodda tar-"Rapportar Annwali dwar il-Kontrolli Uffiċjali – AROC", biex tgħin lill-Istati Membri jkunu lesti għall-implimentazzjoni tal-OCR.

In-Network tal-NAS iltaqa' erba' darbiet matul l-2017 u l-2018. Il-laqgħat iffaċilitaw l-iskambju ta' esperjenzi, problemi komuni, u identifikaw prassi tajba/l-aqwa prassi bejn il-membri u n-network beda rieżami tal-linji gwida dwar it-twettiq tal-verifiki[41].

In-network tal-punti ta' kuntatt nazzjonali tal-Istati Membri għall-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (NCPs) ilu jiltaqa' regolarment mill-2010 biex jaqsam l-għarfien dwar kwistjonijiet komuni u jsib soluzzjoni għall-implimentazzjoni u għall-infurzar tar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali matul it-trasport. Mill-2014, dan in-network ipproduċa Dokumenti ta' Network ta' kunsens, li jipprovdu gwida dwar l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti tal-benesseri tal-annimali, u jidentifikaw prattiki tajbin għall-kontrolli. Fl-2017 u l-2018, in-network tal-NCP iltaqa' erba' darbiet biex jiddiskuti l-bidliet fir-rapporti annwali għall-kontrolli tat-trasport tal-benesseri tal-annimali, it-trasport ta' għoġġiela mhux miftuma u t-trasport ta' annimali lejn pajjiżi mhux tal-UE u f'temperaturi estremi. Matul l-2017, l-NCP iffinalizza d-Dokument tan-Network dwar l-esportazzjoni ta' annimali ħajjin bit-triq.

Il-Grupp ta' Ħidma, dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi, iltaqa' erba' darbiet bejn l-2017 u l-2018. Fl-2017, il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel rapport tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi (SUD)[42]. Il-grupp iddiskuta b'mod intensiv dan ir-rapport u l-implimentazzjoni tas-SUD fl-Istati Membri individwali, flimkien mar-rieżami tal-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali inizjali tagħhom[43]. Fl-2018, id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-Indikaturi tar-Riskju Armonizzati kif imħejjija mill-Kummissjoni, l-aspetti ambjentali tas-SUD, u l-isfidi li jiltaqgħu magħhom l-Istati Membri rigward l-implimentazzjoni tal-Ġestjoni Integrata tal-Pesti u l-valutazzjoni tagħha fil-livell tal-azjenda agrikola.

Il-Gruppi ta' Ħidma dwar il-formulazzjoni tal-Prodotti għall-Protezzjoni tal-Pjanti (PPPs) u dwar l-infurzar tal-leġiżlazzjoni f'dan il-qasam għandhom l-għan li jindirizzaw id-dgħufijiet ewlenin identifikati fis-serje ta' awditi mwettqa mill-2012 sal-2016 rigward il-

[39] Ir-Regolament (UE) 2019/723 - ĠU L 124, 13.5.2019, p. 1–31.

[40] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/363/KE - ĠU L 138, 30.5.2007, p. 24-49.

[41] Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/677/KE - ĠU L 278, 10.10.2006, p. 15-23.

[42] Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali tal-Istati Membri u dwar il-progress fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/128/KE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi.

[43] L-Istati Membri kienu obbligati jadottaw Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali biex jimplimentaw is-SUD għall-ewwel darba f'Novembru 2012. Dawn il-pjanijiet jenħtieġ li jkollhom objettivi, miri, kejl u skedi ta' żmien kwantitattivi biex inqassu r-riskji u l-impatti tal-użu tal-pestiċidi. Jenħtieġ li dawn il-pjanijiet jiġu rieżaminati mill-inqas kull erba' snin.

kontrolli uffiċjali fuq it-tqegħid fis-suq tal-PPP. Matul l-2017 u l-2018, ġiet organizzata laqgħa waħda tal-WG dwar il-formulazzjoni u l-analiżi tal-PPP, li ffukat fuq l-iżvilupp ta' Dokumenti ta' Referenza biex jipprovdu gwida lill-Istati Membri dwar strateġija analitika u dwar l-interpretazzjoni tar-riżultati analitiċi. Il-WG dwar l-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-PPP iltaqa' darbtejn fl-2017 u darba fl-2018. Waħda minn dawn il-laqgħat ġiet organizzata bħala workshop, li tindirizza l-kontrolli uffiċjali f'imħażen fuq skala kbira, kontrolli fuq l-importazzjoni fil-portijiet, u spezzjonijiet tal-manifatturi ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Dan ipprovda bażi utli għall-Istati Membri biex itejbu l-attivitajiet ta' spezzjoni f'dan il-qasam.

6.2.2. Taħriġ Imtejjeb għal Iżjed Sikurezza fl-Ikel (BTSF)

Il-BTSF hija inizjattiva tal-Kummissjoni mmirata biex torganizza taħriġ għall-partijiet ikkonċernati fl-oqsma tal-liġi tal-UE dwar l-ikel, il-liġi dwar l-għalf, ir-regoli dwar is-saħħa tal-annimali u l-benesseri tal-annimali, kif ukoll ir-regoli dwar is-saħħa tal-pjanti, il-biedja organika u l-iskemi ta' kwalità. Ir-riżultat tal-kontrolli tal-Kummissjoni (pereżempju l-awditi) jgħin biex jiġu identifikati l-ħtiġijiet tat-taħriġ. Il-programm BTSF[44] tal-2017 u l-2018 kien fih workshops dwar firxa ta' suġġetti bħall-prevenzjoni u l-kontroll tar-reżistenza għall-antimikrobiċi, dwar it-tħejjija tas-servizzi veterinarji għal diżastri naturali u t-taħriġ dwar awditi interni.

6.3. Infurzar

Meta Stat Membru jikser il-liġi tal-UE, il-Kummissjoni tiddetermina azzjonijiet xierqa fuq bażi ta' każ b'każ f'konformità mal-approċċ tagħha ta' "Liġi tal-UE: Riżultati aħjar permezz ta' applikazzjoni aħjar"[45]. Tali azzjonijiet jistgħu jvarjaw minn kuntatti mal-awtoritajiet tal-Istati Membri għal livelli xierqa mmirati biex jiżguraw l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-UE sat-tnedija ta' skambji Pilota tal-UE u/jew proċedimenti ta' ksur f'każijiet fejn ikun hemm bażi legali ċara u soda, u fejn ikunu ntużaw il-mezzi l-oħrajn kollha biex titħeġġeġ il-konformità. Fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel, l-għodod ta' infurzar minbarra l-ksur jinkludu wkoll l-impożizzjoni ta' miżuri protettivi jew ta' salvagwardja. Dawn jistgħu jvarjaw mit-teħid ta' miżuri ta' prekawzjoni dwar il-kummerċ u l-movimenti ta' annimali, pjanti jew prodotti tal-ikel u l-għalf sal-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja skont il-leġiżlazzjoni rilevanti.

L-ewwel linja ta' azzjoni hija ittra ta' livell għoli lill-Istat Membru rilevanti, fejn meħtieġ, segwita mill-fażijiet ta' qabel il-litigazzjoni u ta' litigazzjoni tal-proċedura ta' ksur[46].

Matul l-2017-2018 tressaq każ ta' ksur wieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma koperti mill-OCR. F'Mejju 2018, il-Kummissjoni ddeċidiet li tressaq lill-Italja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE minħabba li ma rnexxiliex tipprevjeni

---

[44] Ara https://ec.europa.eu/chafea/food/bookshelf/reports/index_en.htm għar-rapporti annwali dwar il-BTSF.

[45] Ara https://ec.europa.eu/info/publications/communication-commission-eu-law-better-results-through-better-application_en.

[46] L-Artikolu 258 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE.

b'mod adegwat it-tixrid ulterjuri tal-organiżmu ta' kwarantina ta' ħsara *Xylella fastidiosa* f'Apulia[47].

7. KONKLUŻJONIJIET

L-UE għandha qafas leġiżlattiv sod biex tikkontrolla l-perikli għas-sikurezza fil-katina tal-provvista. L-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri, fir-rapporti annwali tagħhom dwar il-kontrolli uffiċjali, urew li huma għadhom jissodisfaw ir-rwol importanti tagħhom li jimmonitorjaw u jivverifikaw, permezz tal-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali, li r-rekwiżiti rilevanti tal-Unjoni huma osservati u infurzati b'mod effettiv.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ta' akkompanjament jipprovdi dettalji tal-kontrolli tal-Kummissjoni mwettqa fl-Istati Membri biex jiġi vverifikat li r-rekwiżiti tal-Unjoni dwar il-liġi tal-ikel u l-għalf, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, is-saħħa tal-pjanti u l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jiġu implimentati u infurzati kif suppost mill-Istati Membri. Ir-riżultati ta' dawn il-kontrolli juru li kollox ma' kollox, l-Istati Membri għandhom is-sistemi ta' kontroll mitluba fis-seħħ, li jiżguraw livelli ġeneralment aċċettabbli ta' konformità. Madankollu, il-kontrolli tal-Kummissjoni jkomplu jidentifikaw in-nuqqasijiet fil-kontrolli uffiċjali u jenfasizzaw li għad hemm lok għal titjib.

Attitudnijiet inqas stretti lejn is-sikurezza tal-ikel dejjem jaħdmu kontra u meta jiġri hekk, dan jista' mhux biss jhedded is-saħħa pubblika iżda jaffettwa wkoll il-fiduċja taċ-ċittadini tagħna kif ukoll tas-sħab kummerċjali tagħna fis-sistema tal-ikel tal-UE kollha kemm hi. Ma jistax ikun hemm kompjaċenza fir-rigward tas-sikurezza tal-ikel u l-attivitajiet ta' kontroll ippjanati kollha stabbiliti fil-MANCPs tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu implimentati. Madankollu, ir-Rapporti Annwali għall-2017 u l-2018 għal darba oħra jenfasizzaw li ħafna Stati Membri qed jaffaċċjaw sfidi biex jiżguraw riżorsi finanzjarji adegwati għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali meħtieġa.

Is-segwitu sistematiku tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar juri li, b'mod ġenerali, l-Istati Membri jieħdu l-miżuri korrettivi xierqa biex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati. Barra minn hekk, ir-Rapporti Annwali jenfasizzaw l-isforzi kontinwi mill-Istati Membri biex itejbu l-effiċjenza u l-effikaċja tal-kontrolli tagħhom, b'mod partikolari permezz ta' sistemi tal-IT, analiżi tad-*data*, manwali tal-kwalità u taħriġ aħjar.

L-adozzjoni tal-OCR introdućiet bidliet sinifikanti, li se jikkontribwixxu għat-titjib tal-kontrolli uffiċjali.

Sabiex tiġi żgurata l-koerenza tal-MANCPs, l-Istati Membri jeħtieġ li jaħtru korp uniku inkarigat bil-koordinazzjoni tat-tħejjija tagħhom u bil-ġbir ta' informazzjoni dwar l-implimentazzjoni, ir-rieżami u l-aġġornament tagħhom. Il-MANCPs għandhom jistabbilixxu objettivi strateġiċi u kif il-prijoritizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali u l-allokazzjoni tar-riżorsi jirriflettu dawn il-prijoritajiet.

[47] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_18_3805

Dwar it-trasparenza, l-OCR jeħtieġ li l-MANCPs ikunu disponibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, hemm il-possibbiltà li l-Istati Membri jwettqu r-rekwiżiti tat-trasparenza billi jippubblikaw ir-rapport annwali tagħhom.

L-introduzzjoni ta' formola mudell standard għar-rapporti annwali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri se tiffaċilita l-ġbir ta' informazzjoni u *data* komparabbli dwar il-kontrolli uffiċjali tal-Istati Membri fil-katina agroalimentari tal-UE kollha u se tikkontribwixxi għal abbozzar u għall-pubblikazzjoni aktar faċli tar-Rapport Annwali tal-Kummissjoni.

B'ħidma fi sħubija, il-Kummissjoni tibqa' ddedikata biex tappoġġja lill-Istati Membri biex itejbu kontinwament is-sistemi ta' kontroll uffiċjali tagħhom permezz tan-networks u l-inizjattiva BTSF.